# Is-Santwarju u l-Parroċċa tal-Qalb ta' Ġesù tal-Fontana

**Il-Ħadd, 19 t'April 2026**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Quddies il-Ħadd** | 6.30am, 8.30am, 10.30am, 4.30pm | **Uffiċċju** | 196, Triq tal-Għajn, Il-Fontana, FNT 9026 *b'appuntament* |
| **Quddies tul il-ġimgħa** | 7.00am, 11.30am (barra s-Sibt), 7.00pm | **Telefon** | 21556097 (uffiċċju) \| 79093699 (kappillan) |
| **Adorazzjoni fis-skiet** | Il-Ġimgħa, 7.30-11.30am; 4.00-7.00pm | **Radju** | Radju Sacro Cuor 105.2FM |
| **Paġna *Facebook*** | 'Parroċċa tal-Qalb ta' Ġesù tal-Fontana' | **Imejl** | fontanaparish@gmail.com **Websajt** www.qalbtagesu.com |

## Wara t-tberik...



Nirringrazzja minn qalbi lil dawk il-familji fit-territorju tal-Fontana li għamlu l-għażla li jilqgħuni fi djarhom ħalli jirċievu l-barka ta' Kristu Rxoxt. Fil-ftit minuti li qattajt ma' kull familja li fetħet tlabna flimkien, smajt il-pariri tagħkom, qsamtu miegħi l-beżgħat u s-slaleb li taffrontaw u saru diversi rikjesti għat-talb għal quddiem il-Qalb ta' Ġesù. Grazzi speċjali lil dawk il-familji li l-membri tagħhom għażlu li jkunu kollha preżenti waqt il-mument tat-tberik. Grazzi wkoll tal-għotjiet li tajtuni: parti jmorru bħala parti mill-paga tiegħi ta' kappillan u parti għall-bżonnijiet tal-Parroċċa. Jien wassaltilkom il-barka tal-Irxoxt imma intom tajtuni lura ħafna mħabba. Grazzi minn qalbi.

## Attendenza ferm sabiħa

Rigal ieħor kbir li rċevejna f'dawn l-aħħar jiem kien l-attendenza sabiħa ħafna li ħonqot is-Santwarju tagħna fil-jiem tal-Ġimgħa Mqaddsa u fil-Ġimgħat tal-Qalb ta' Ġesù. Mhux biss adulti imma koppji żgħar, żgħażagħ u tfal ukoll! Grazzi lilkom li qed tagħżlu li tiċċelebraw il-fidi tagħkom fi ħdan il-Parroċċa tagħna. Diversi Għawdxin u Maltin wkoll qed iħossuhom *at home* magħna: ifaħħru ħafna s-serjetà, l-akkoljenza u l-ferħ li noffru, tant li jagħżlu jiġu jiċċelebraw magħna.

## Ma nibżgħux ninbidlu

Il-loġika ta' "dejjem hekk sar", "dejjem l-istess nies" jew "jien biss kapaċi" rridu noqtluha, inkella toqtol hi lilna! Huwa importanti li nkomplu ninbidlu waqt li naħdmu flimkien biex il-Parroċċa tinfetaħ u tilqa' dejjem iktar nies, talenti u ideat, f'rabta sħiħa u leali mal-Vanġelu u ma' min imexxina.

## L-abbatini tagħna

Il-fatt li m'aħniex parroċċa kbira u l-fatt li aħna mdawrin b'parroċċi u knejjes oħra tant qrib tagħna ma jgħinux biex ikollna numru kbir t'abbatini li jservu fil-knisja tagħna. Madankollu, il-ftit li għandna - 7 b'kollox - qed jagħtu servizz mhux żgħir lill-komunità tagħna. Jiġu minn qalbhom għaċ-ċelebrazzjonijiet kollha u l-preżenza tagħhom toħloq il-ferħ. Iltqajtu magħhom ukoll waqt it-tberik. Nilqgħu lil **Swaraj Buttigieg** li issa daħal mal-grupp. Nirringrazzjaw lilhom u lill-familji tagħhom.

*Il-Qalb ta' Ġesù tberikkom u Sant'Andrija jħariskom. Il-Kappillan.*

**Nifirħu** ma' **Ivy Sacco,** bint Roberto Sacco u Judith Cassar, li rċeviet id-don tal-Magħmudija fis-Santwarju tagħna.

## Laqgħat għall-ġenituri tal-Ewwel Tqarbina u l-Griżma

- Għada t-Tnejn fis-7.30pm ser issir laqgħa għall-ġenituri tat-tfal li ser jagħmlu l-Ewwel Tqarbina.
- Nhar it-Tlieta mbagħad, ser issir laqgħa fl-istess ħin għall-ġenituri li wliedhom ser jirċievu l-Griżma. *Il-laqgħat isiru fil-knisja. Importanti l-attendenza.*

**Providenza.** NN **€20**, NN **€50**, Tony u Doris Cassar (Awstralja) **€300** *għall-knisja;* familja tat lill-knisja apparat utli ferm għall-ħasil tal-art tal-knisja tagħna; NN **€25** *għall-missjoni*. Grazzi mill-qalb.

## 24 t'April
## it-Tielet Ġimgħa tal-Qalb ta' Ġesù

*Jekk possibbli, agħżlu l-quddiesa tas-7.00pm. Insibu ħin inżuru lil Ġesù għal ftit ħin t'adorazzjoni.* ***Appell*** *għall-preżenza fil-knisja bejn nofsinhar u l-5.00pm.*



| | |
|---|---|
| **Quddies** | 7.00am, 11.30am, 7.00pm, 8.30pm |
| **Knisja miftuħa** | 6.30am-8.30pm |
| **Adorazzjoni** | 7.30-11.30am; 4.00-7.00pm |

| | |
|---|---|
| **Benefatturi tal-fjuri** | Charlie Mizzi u l-familja |
| **Saċerdot mistieden** | Kappillan, Kan. Eddie Vella |
| **Animazzjoni** | Kor tal-Parroċċa taż-Żebbuġ |
| **Intenzjoni *7.00am*** | Ġanġu, Ronnie, Marianne Farrugia u l-familjari |
| **Intenzjoni *11.30am*** | George, Maria, Lina Galea |
| **Intenzjoni *7.00pm*** | Erwieħ tal-familja Mizzi |
| **Intenzjonijiet *8.30pm*** | Ġorġa u Ċelest Debrincat; Ġolina u Ġanni Gatt |

### Intenzjonijiet tal-Quddies tal-ġurnata

| | |
|---|---|
| **It-Tnejn 20** | Ċelest u Maria Antonia Grech (f) |
| **It-Tlieta 21** | Mary Mercieca (f) |
| **L-Erbgħa 22** | Francis u Sunta Cordina (f) |
| **Il-Ħamis 23** | Ġużepp Mizzi, Marija Borg u fam. (f) |
| **Il-Ġimgħa 24** | *intenzjonijiet tal-Ġimgħat (ara fuq)* |
| **Is-Sibt 25** | Fam. Cini u Ċikku Schembri |
| **Il-Ħadd 26** | Charlie Theuma u fam. Custò |

### *Intenzjonijiet tal-11.30am*

*Toni, Marija Galea u fam. (f)*
*Ġiljan, Marija, Tony Borg*
*Pawlu u Maria Carmela Borg*
*Nenu, Toni, Ġużepp Schembri u fam. (ara fuq)*
---
***10.30am:*** *għall-poplu tagħna*